PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Iżvilupp

2006/2250(INI)

1.3.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-prijoritajiet tal-politika għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi-terzi
(2006/2250(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Manolis Mavrommatis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

Jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet tal-politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiż-terz bħala pass fid-direzzjoni t-tajba sabiex tiġi stabbilita strateġija ta' l-UE bi qbil mal-pajjiżi ġirien għall-immaniġġjar effettiv tal-flussi ta' migrazzjoni, bl-objettiv fuq tul ta' żmien ta' politika komuni ta' l-UE f'dan il-qasam;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill Ewropew ta' l-14-15 ta' Diċembru 2006 għal darb'oħra rrikonoxxa l-ħtieġa għal politika komprensiva Ewropea dwar il-migrazzjoni bbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, sħubija ma' pajjiżi terzi u rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-migranti u qabel dwar passi konkreti li għandhom jittieħdu tul l-2007 skond dawn il-kriterji;

3. Jemmen, madankollu, li politika komprensiva Ewropea dwar il-migrazzjoni teħtieġ li l-kodeċiżjoni mal-Parlament u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill ikunu estiżi għal oqsma oħra, bħall-immigrazzjoni legali jew l-integrazzjoni ta' persuni minn pajjiżi terzi, skond l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, kif ippjanat fl-2004 mill-Presidenza Olandiża tal-Kunsill, u jistieden lill-Kunsill biex jaġixxi f'dan is-sens;

4. Jistieden lill-Unjoni Ewropea sabiex tiġġieled l-immigrazzjoni illegali billi tindirizza l-kawżi fundamentali ta' l-immigrazzjoni tal-massa, billi tiġġieled il-faqar u ttejjeb l-iżvilupp, it-tkabbir ekonomiku, il-governanza tajba u l-koeżjoni soċjali fil-pajjiżi ta' l-oriġini;

5. Jinnota, bħala eżempju ta' prattika tajba, il-fatt li ċerti Stati Membri ffirmaw ftehimiet ta' koperazzjoni dwar l-immigrazzjoni ma' varji pajjiżi Afrikani, li jidentifikaw ir-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jintensifikaw il-koperazzjoni u jkomplu jiżviluppaw programmi ta' dan it-tip;

6. Jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jimplimentaw il-politiki tagħhom dwar l-immigrazzjoni illegali b'kompatibilità sħiħa mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

7. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, b'mod partikulari minorenni mhux akkumpanjati, u kull forma ta' skjavitù marbuta ma' l-immigrazzjoni illegali għandha titmexxa bħala prijorità ta' l-UE u li għandhom ikunu allokati għal din l-azzjoni riżorsi finanzjarji u politiċi adegwati; iqis li l-Istati Membri għandhom jiffirmaw u jikkonformaw mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-Protokoll tan-NU għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar ta' Persuni, il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata u l-Konvenzjoni tan-

Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

8. Jistieden lill-pajjiżi ta' l-UE u l-Afrika biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-Afrika u l-UE Kontra t-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, b'inkuraġġiment partikulari għall-koperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' l-oriġini, tranżitu u destinazzjoni fir-rigward tal-vittmi f'termini ta' identifikazzjoni, għajnuna, ħarsien, ripatrijazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid, kif ukoll biex jippromwovu l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' għarfien iffukati fuq ir-riskji ta' l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin fil-pajjiżi kkonċernati;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija ta' Programm ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-Afrika ta' ammont inizjali ta' EUR 40 miljun, bl-objettiv li jinħolqu xogħolijiet ġodda fl-Afrika, u jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar informazzjoni dwar modalitajiet prattiċi; ifaħħar, f'dan il-kuntest, l-iffirmar ta' ftehima ta' koperazzjoni mal-Mali mill-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' Franza u Spanja, bl-għan li jinfetaħ l-ewwel Ċentru għall-Informazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Migrazzjoni, li għandu jinħoloq mill-fondi għal dak il-Programm;

10. Jenfasizza l-ħtieġa ta' koperazzjoni bejn pajjiżi ta' l-oriġini u tad-destinazzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, u jikkunsidra li s-sħubija ACP-Ue hija qafas partikolarment xieraq għat-tressiq ta' risposti konġunti dwar il-kwistjoni tal-migrazzjoni, skond l-Artikolu 13 tal-Ftehima ta' Cotonou;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fi sħubija mal-pajjiżi ta' l-oriġini, jinvestu riżorsi fil-kampanji ta' informazzjoni fil-pajjiżi ta' l-oriġini ta' l-immigranti illegali sabiex iwissuhom dwar ir-riskji għas-saħħa tal-ġisem u l-perikli involuti fil-migrazzjoni illegali u dwar l-emarġinazzjoni sussegwenti fil-pajjiżi ta' destinazzjoni; jemmen li dawn it-tip ta' kampanji ta' informazzjoni għandhom jużaw il-mezzi disponibbli kollha bħall-midja tal-massa, ir-radjijiet lokali u l-programmi tat-televiżjoni;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill Ewropew ta' l-14-15 ta' Diċembru 2006 qabel li jiżgura segwitu koerenti għad-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, fejn l-ewwel laqgħa tal-Forum Globali dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, li għandha ssir f'Lulju 2007 fil-Belġju, se tkun pass vitali, u jistieden lill-UE biex tiżgura parteċipazzjoni qawwija fil-Forum Globali fejn l-UE se tieħu l-inizjattiva li tqiegħed kwistjonijiet ta' migrazzjoni u żvilupp fl-aġenda; jemmen li l-Parlament għandu jkun involut fil-preparazzjoni tal-kontribut ta' l-UE għall-Forum Globali u għandu jkun rappreżentat kif xieraq fiha;

13. Ifakkar lill-Kummissjoni li ta' l-inqas 90% tan-nefqa li hemm dispożizzjoni għaliha fil-programmi tematiċi se tkun imfassla biex jintlaħqu l-kriterji ta' l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbilita mill-OECD/DAC, skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument finanzjarju għal koperazzjoni għall-iżvilupp[1];

[1] ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

14. Iqis id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 t'April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti[1], il-pjan ta' l-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda u l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin[2] adottat f'Diċembru 2005 u jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni konġunta tal-Konferenza Ministerjali UE-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li saret il-Libja fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006;

15. Jistiden lill-UE u lill-Istati Membri biex jaderixxu għall-Protokoll tan-NU kontra l-Kuntrabandu tal-Migranti fuq l-Art, bil-Baħar u bl-Ajru kif ukoll għall-Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar ta' Persuni;

16. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu fil-politiki dwar il-migrazzjoni rispettivi tagħhom livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-migranti billi jipprovdu kura preventiva u trattament mediku.

[1] ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.
[2] ĠU C 311, 9.12.2005, p. 1.

PROĊEDURA

Titolu	Il-prijoritajiet tal-politika għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi-terzi
Numru tal-proċedura	2006/2250(INI)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 26.10.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Manolis Mavrommatis 6.11.2006
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	30.1.2007 28.2.2007
Data ta' l-adozzjoni	28.2.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Josep Borrell Fontelles, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Corina Crețu, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Hélène Goudin, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Luisa Morgantini, José Javier Pomés Ruiz, Miguel Portas, Horst Posdorf, Toomas Savi, Pierre Schapira, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Luis Yañez-Barnuevo García, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Fiona Hall, Alain Hutchinson, Jan Jerzy Kułakowski, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Atanas Paparizov, Anne Van Lancker, Ralf Walter
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Valenciano Martínez-Orozco
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	